## X'inhi Viżta Pastorali?

1 Huwa dmir ta' kull Isqof li jżur lill-poplu afdat f'idejh.

2 Dan biex ikun jixbaħ lil Gesu li Hu r-Ragħaj t-Tajjeb.

3 Għalhekk issir il-Viżta Pastorali fil-Parroċċi li l-Isqof ikun qed imexxi...

4 Sabiex jiltaqa' mal-Għaqdiet tal-Parroċċa, iżur l-iskejjel tal-Knisja, ...

5 ...u kif ukoll jiltaqa' ma' Movimenti oħra fil-Parroċċa.

6 L-Arċisqof Pawlu Cremona jagħti mportanza kbira lill-Viżti Pastorali fil-Parroċċi ta' Malta.

7 F'Malta b'kollox hawn 70 Parroċċa.

8 Huwa dmir tal-Arċisqof li jżur dawn il-Parroċċi kollha.

9 Tissejjaħ Viżta Pastorali għax din mhix sempliċement żjara li l-Arċisqof jagħmel fil-Parroċċi.

## Hija żjara b'żewg skopijiet importanti :

1 L-ewwel skop hu biex l-Arċisqof ikun qalb l-operaturi pastorali u qalb il-poplu tiegħu.

2 It-tieni skop hu li ssir evalwazzjoni tal-ħidma pastorali tal-parroċċa.

3 Fil-Viżta tingħata ħarsa lejn il futur u ....

4 ...jiġu stabiliti dawk il-ħidmiet l-aktar important li fuqhom għandha tiffoka il-parroċċa.

## Meta ser tiftaħ il-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tagħna?

1 Il-Viżta Pastorali ser tiftaħ  biċ-Ċelebrazjoni tal-Quddiesa fil-Knisja Parrokkjali mal-Arċisqof .....

2 ...nhar is-Sibt 5 ta' Frar 2011 fis-6.30 p.m.

3 Wara l-Quddiesa l-Arċisqof ser jiltaqa' ma min ikun jixtieq ikellmu fil-Knisja stess.

4 Matul il-Viżta l-Arċisqof ser ikollu kemm laqgħat ta' animazzjoni kemm laqgħat ta' kuntatt.

5 L-Arċisqof ser jiltaqa' wkoll mas-Saċerdoti, mal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokjali...

6 ...mal-Kummissjonijiet li jaħdmu fil-qasam tal-Familja, tal-Liturgija, taż-Żgħażagħ etċ....

7 L-Arċisqof sejjer jagħmel laqgħat ta' kuntatt billi jżur iċ-Ċentri tad-Duttrina u l-Iskola Primarja fejn jiltaqa' mat-tfal li jattendu fihom.

8 L-Arċisqof ikollu wkoll laqgħat mas-Soċjetajiet

**Ċivili.**

9 **Ser ikun hemm ukoll ħin sabiex l-Arċisqof ikun jista' jiltaqa' ma dawk li jkunu jixtiequ jkellmuh dwar il-ħidma fil-Parroċċa.**

## Xi tħejjijiet saru għal din il-Viżta?

1 **Saru laqgħat ma' delegati ta' Monsinjur Arċisqof.**

2 **Dawn id-delegati huma responsabbli għall-oqsma tal-ħidma pastorali.**

3 **Saru laqgħat ma' dawk inkarigati mill-istess ħidma fil-Parroċċa tagħna.**

4 **Per eżempju d-Delegat tal-Arċisqof għaż-Żgħażagħ iltaqa' mal-membri tal-Kummissjoni Żgħażagħ tal-Parroċċa.**

5 **Kull delegat tal-Arċisqof iħejji rapport dwar dik il-ħidma partikolari.**

6 **Kull rapport ser ikun diskuss f'laqgħa bejn l-Arċisqof u l-Kappillan.**

7 **Fi tmiem il-Viżta Pastorali f'messaġġ ta' l-Arċisqof ser jiġu identifikati tlett oqsma mportanti ta ħidma li jkunu ħargu mir-rapporti tal-Viżta Pastorali.**

## X'inhuma d-dmirijiet tagħna fl-okkażjoni ta' din il-Viżta Pastorali?

1. **L-ewwel dmir tagħna hu li nitolbu biex din il-Viżta ta' l-Arċisqof tħalli l-frott mixtieq.**
2. **Ilkoll aħna mistiednin sabiex nieħdu sehem fiċ-ċelebrazzjonijiet u l-attivitajiet.**
3. **Matul dawn il-laqgħat l-Arċisqof ser ikun qed jisma' l-opinjonijiet ta' kulħadd.**
4. **Mgħandħomx jiġu diskussi ma' l-Arċisqof materji personali.**
5. **Fuq kollox is-sehem tagħna huwa mportanti jekk irridu li l-Parroċċa tagħna twettaq tajjeb il-missjoni tagħha .**

## AĦJAR TIXGĦEL XEMGĦA MILLI TISĦET ID-DLAM.

1. **Ninpenjaw ruħna sew biex intejbu dak li għandna u mhux ingergru biss.**
2. **Niskopru ħidmiet ġodda fl-oqsma pastorali.**
3. **Il-frott tal-Viżta Pastorali jiddependi minn kulħadd.**

## INT SER TAGĦTI SEHMEK?

========================